**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**DR. RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**MAĠISTRAT**

**IL-PULIZIJA**

**(Spettur Sherona Buhagiar)**

**-Vs-**

**KYRA HEGARTY**

**Illum, 4 ta' April 2024**

**Il-Qorti,**

Reġgħet rat l-imputatazzjonjiet miġjuba fil-konfront ta' **KYRA HEGARTY** ta' 18-il sena, bint Simon u Antoinette nee' Pace, imwielda l-Pieta' nhar it-18 ta' Settembru 2004, residenti ġewwa 30, Blk 6, Bieb C, Flt 21, Vjal in-Naspli, San Gwann u detentrici tal karta ta' l-identita' bin-numru 0309904L, li ġiet akkużata talli fit-2 ta' Ottubru 2022 u fil-ġranet, ġimgħat u xhur ta' qabel f'diversi ħinijiet ġewwa San Ġwann u/jew f'dawn il-Gżejjer:-

1. Ikkagunat lil ommha u cioe' Antoinette Pace, biza' li se tintuza vjolenza jew kontra l-propjeta' tagħha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill axxendenti jew dixxendenti tagħha, liema reat twettaq ripetutament.

2. Għamlet inġurji jew theddid mhux imsemmija band'oħra fil-kodici Kriminali lil ommha, u cioe' Antoinette Pace jew, jekk kienet ipprovokatha, inġurjat b'mod li ħarġet barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

3. Volontarjament ħassret jew għamlet ħsara jew għarrqet ħwejjeġ haddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' mowbajl ta' l-għamla Iphone, liema ħsara tammonta għal anqas minn 2,500 Ewro għad-dannu ta' ommha u cioe' Antoinette Pace.

Rat illi permezz ta' sentenza mogħtija fit-8 ta' Ġunju 2023, filwaqt li ma sabitx ħtija għall-ewwel imputazzjoni, sabet ħtija għar-reati taħt l-artikoli 325(1)(ċ) u 339(1)(e) tal Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, poġġiet lil Kyra Hegarty taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tlett (3) snin taħt il-kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta' Probation li tifforma parti integrali minn din is-sentenza. Inħarġet ukoll Ordni ta' Trattament fil-konfront tal-ħatja taħt l-artikolu 412S tal-Kodiċi Kriminali għal żmien tliet u bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-istess Kodiċi Kriminali, rabtet lill-ħatja b'obbligazzjoni tagħha nnifisha, biex iżżomm il-paċi ma' ommha Antoinette Pace u dan taħt penali ta' elf Euro (€1,000) għal żmien tnax (12)-il xahar.

Rat ir-rikors ippreżentat mill-Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono fis-7 ta' Novembru 2023 fejn għarrfet lill-Qorti illi Kyra Hegarty naqset milli żżomm ruħha f'kuntatt magħha skont id-direttivi mogħtija lilha u naqset ukoll milli toqgħod mad-direttivi mogħtija lilha sabiex tindirizza l-vizzju tad-droga.

Rat id-digriet tagħha fejn appuntat id-denunzja għas-smigħ għal nhar il-21 ta' Novembru 2023;

Semgħet ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Probation Antonella Debono u ta' Audrey Grant, rappreżentant tal-Aġenzija Caritas, fil-21 ta' Diċembru 2023;

Semgħet ukoll ix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-Probation u ta' Nicholetta Debono, rappreżentant tal-Aġenzija Caritas, fl-14 ta' Frar 2024;

Semgħet ix-xhieda ta' Chanel Scicluna, rappreżentant tal-Aġenzija Sedqa, fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2023;

Semgħet il-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2024 jaqblu li r-rikors dwar id-denunzja jista' jitħalla għad-deċiżjoni;

Rat illi r-rikors ġie mħolli għal-lum biex jiġi deċiż;

Ikkunsidrat;

Illi mix-xhieda li xehdu quddiemha u mir-rapporti ppreżentati fl-atti għall-fini ta' din id-denunzja, il-Qorti fehmet illi l-*probationer* baqgħet ma indirizzatx bis-serjeta' l-problema tad-dipendenza tagħha fuq id-droga. Din il-problema kienet sewwasew l-ixprun tal-kommissjoni tar-reati li nstabet ħatja dwarhom bis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023. Iżda minkejja li d-denunzjata tqiegħdet taħt Ordni ta' Probation speċifikatament biex tingħata l-opportunita' li tindirizza bis-serjeta' dan il-vizzju li kien evidentement ħakimha tant illi t-tarbija li kienet welldet ftit tax-xhur qabel, itteħditilha mill-awtoritajiet kompetenti, jirriżulta illi wara biss ftit ġimgħat li ngħatat is-sentenza fit-8 ta' Ġunju 2023 u tqiegħed taħt Probation, hija telqet mill-programm residenzjali li kienet qiegħda ssegwi fi ħdan l-Aġenzija Caritas u reġgħet bdiet tgħix ħajja kaotika. Wara s-26 ta' Ottubru 2023 ma baqgħetx f'kuntatt lanqas mal-key worker tagħha u mit-tlettax-il appuntament li ngħatat mill-Uffiċjal tal-Probation in segwitu għall-ħruġ tal-Ordni ta' Probation, id-denunzjata attendiet għal ħamsa biss u naqset ukoll milli tħalli kampjun tal-urina biex jiġi ttestjat.

Mix-xhieda mismugħa in konnessjoni mar-rikors, jirriżulta wkoll illi fit-30 ta' Novembru 2023, ċioe' in segwitu għad-denunzja, Kyra Hegarty daħlet minn jeddha fil-Female Dual Diagnosis Unit fl-Isptar Mount Carmel fejn bdiet tirċievi l-

medikazzjoni u assistenza meħtieġa iżda għalkemm kienet esprimiet ix-xewqa li tibqa' tirrisjedi fid-Dual Diagnosis Unit minflok terġa' tmur tgħix ma' ommha, jirriżulta illi fil-15 ta' Jannar 2024, hija telqet mill-Isptar Mount Carmel u reġgħet marret tirrisjedi għand ommha. Iżda dan l-arranġament ma damx wisq u Kyra Hegarty volontarjament reġgħet daħlet tirrisjedi fil-Female Dual Diagnosis Unit fl-Isptar Mount Carmel.

Ta' min jinnota illi fil-perijodu li damet tirrisjedi ma' ommha, Kyra Hegarty reġgħet naqset milli żżomm kuntatt mal-Uffiċjal tal-Probation u ma attendietx għall-appuntamenti skedati; madanakollu il-fatti juru illi hija għarfet tagħmel deċiżjoni għaqlija li titlaq minn ma' ommha[1] u terġa' tfittex l-għajnuna biex tindirizza d-dipendenza tagħha fuq id-droga: fir-rigward, tagħmel riferenza għall-konsiderazzjonijiet li għamlet fis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023 dwar l-influwenza negattiva ta' ommha f'dak li għandu x'jaqsam mal-vizzju tad-droga.

Tant hu hekk illi Kyra Hegarty esprimiet mal-psikjatra tagħha ix-xewqa li terġa' tibda tattendi programm residenzjali, din id-darba mal-Aġenzija Sedqa u qiegħda fil-preżent tattendi għal sessjonijiet mal-key worker mill-Aġenzija biex jitfassal pjan ta' kura. Mix-xhieda ta' Chanel Scicluna, rappreżentant tal-Aġenzija, jirriżulta illi diġa' saru l-arranġamenti meħtieġa biex Kyra Hegarty tibqa' tirrisjedi fil-Female Dual Diagnosis Unit sakemm tidħol fi programm residenzjali fil-komunita' tal-istess Aġenzija, liema programm sejjer jibda f'April 2024 u huwa twil sena u nofs. Id-denunzjata esprimiet ix-xewqa li tagħem dan il-programm.

Il-Qorti wara li qieset dan kollu, bla tlaqliq tgħid illi d-denunzjata trid tirrejalizza u taċċetta li m'għandhiex għażla oħra ħlief li tidħol u tipparteċipa mill-bidu sal-aħħar f'dan il-program residenzjali għaliex jekk ma tagħmilx dan il-pass u ttemm il-programm b'suċċess, ser ikun diffiċli jekk mhux impossibbli għaliha teħles minn dan il-vizzju distruttiv, tieħu r-riedni ta' ħajjitha f'idejha u tiġi fdata bit-trobbija tat-tarbija tagħha, kif del resto jidher li huwa l-oġġettiv li trid tilħaq.

[1] Mix-xhieda ta' Nicoletta Farrugia jirriżulta li fis-7 ta' Frar 2024 Kyra Hegarty kienet diġa' reġgħet lura fl-FDDU.

Jidher li għalkemm qed turi motivazzjoni biex tagħmel dan il-pass, jonqos fiha r-rieda soda li tagħmlu b'serjeta' u diliġenza u għalhekk, il-Qorti sejra tordna hija stess li d-denunzjata tibda u ttemm b'suċċess il-programm residenzjali għall-kura tad-dipendenza tagħha fuq id-droga u dan bħala parti mill-ħtiġiet espressi li hija għandha tikkonforma ruħha magħhom taħt l-Ordni tal-Probation.

**Għaldaqstant, wara li rat l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10 tal-Att dwar il-Probation, u billi l-Qorti hija sodisfatta li l-*probationer* hija mogħtija għad-droga u skont kif jirriżulta mix-xhieda, jistgħu jsiru l-arranġamenti adatti għall-kura tagħha permezz ta' programm residenzjali li toffri l-Aġenzija Sedqa, qiegħda tipprovdi dwar ir-Rikors tal-Uffiċjal tal-Probation tas-7 ta' Novembru 2023 billi tordna li l-Ordni ta' Probation maħruġ fit-8 ta' Ġunju 2023 jiġi emendat biex jinkludi bħala kundizzjoni:-**

- **il-ħtieġa li l-*probationer* biex teħles mill-vizzju tad-droga, tagħmel kura konsistenti f'programm ta' rijabilitazzjoni u dan billi hekk kif tingħata direttivi mill-Aġenzija Sedqa, toħroġ mill-Female Dual Diagnosis Unit fl-iSptar Mount Carmel u minnufih tibda tirrisjedi f'istituzzjoni mmexxija mill-istess Aġenzija Sedqa għal perijodu kontinwu u mhux interrott ta' mhux inqas minn sena u nofs;**
  **u**
- **tieħu wkoll kull kura jew trattament ieħor u toqgħod għad-direttivi kollha, li jistgħu jagħtuha l-Aġenzija jew persuni oħrajn li l-*probationer* tiġi riferuta lilhom.**

**Għall-bqija tikkonferma *in toto* l-kundizzjonijiet l-oħra inklużi fl-Ordni ta' Probation maħruġ fil-konfront ta' Kyra Hegarty fit-8 ta' Ġunju 2023 b'dan illi l-kundizzjonijiet fuq elenkati jitqiesu bħala parti integrali mill-Ordni ta' Probation oriġinali.**

**Il-Qorti tagħmilha ċar li n-nuqqas f'kull żmien tal-*probationer* li tikkonforma ruħu ma' din il-kundizzjoni ikun ifisser li fuq denunzja tal-Uffiċjal tal-Probation, hija tgħaddi minnufih biex tieħu l-provvedimenti kollha opportuni fosthom okkorrendo li tħassar l-Ordni tal-Probation u teroga l-piena skont il-liġi għar-reati li huwa nstab ħati tagħhom bis-sentenza tat-8 ta' Ġunju 2023.**

**Il-Qorti tordna illi din id-deċiżjoni kif ukoll l-Ordni ta' Probation kif emendat, jintbagħtu lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAĠISTRAT.**